MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1743/2014/1

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Eden Leisure Group Ltd.**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tal-4 ta' Novembru 2014 fejn qed jintalab li l-intimati jigu mizmuma milli jiddemolixxu l-lukanda Georgiani's, St. Augustine Street, St. George's Bay, pendenti l-ezitu tal-

appell fil-kawza tal-ismijiet Perla Hotels Limited vs Blye engineering Co. Ltd. (Rikors 1054/2007), fejn l-istess socjeta rikorrenti ghamlet kontrotalba;

Rat ir-risposta ta’ Eden Leisure Group Limited li irrisponda li ma hemm ebda konnessjoni mar-rikorrenti peress illi ghalkemm l-istess socjeta xtrat l-imsemmi hotel f’Ottubru 2014, ma akkwistat ebda dritt litigjuz skond kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta’ akkwist. In oltre ziedet li l-kontrotabla li s-socjeta rikorrenti tirreferi ghaliha hi wahda ghal hlas ta’ bilanc li hu gia kawtelat b’garanzija bankarja u in kwantu ghal mertu tal-azzjoni din kienet titratta istallazzjoni ta’ apparat ta’ heating u cooling liema istallazzjoni thalliet li tigi mnehhija mill-hotel tant li l-Qorti tal-Appell accettat l-ezekuzzjoni provizjorja tas-sentenza ta’ Prim Istanza (sentenza tal-appell ta-15 Ottubru 2013) bit-tnehhija tal-apparat u fil-fatt l-apparat illum anqas ghadu fil-hotel skond dikjarazzjoni guramentata ta’ direttur tas-socjeta Perla;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull

mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Din il-Qorti tqis illi s-socjeta rikorenti naqset li tipprova jedd prima facie billi s-socjeta intimata hi estraneja ghal vertenza msemmija mir-rikorrenti bazi tal-pretenzjoni odjerna. Il-jedd irid ikun ezercitat versu legittimu kontradittur u safejn jirrizulta lil din il-Qorti l-legittimu kontradittur hija Perla Hotels Limited mhux Eden Leisure Group Limited. Ix-xiri tal-istabbiliment fejn gie istallat l-apparat mertu tal-kawza bejn Perla u Blye ma kienx jinkludi xi assenjazzjoni ta' xi dritt litigjuz bejn Perla u s-socjeta intimata u lanqas jirrizulta prima facie li l-apparat ghadu fil-fond. Kwindi t-talba tar-rikorrenti tippekka f'dan l-aspett preliminari izda essenzjali ghal kontinwazzjoni tat-trattazzjoni fil-mertu tal-talba odjerna.

Anki jekk ghal grazzja tal-argument pero jigi accettat illi s-socjeta rikorrenti ghandha interess li l-istatus quo jigi preservat minhabba l-mertu tal-appell, din il-Qorti tqis illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell li tat esekuzzjoni provizjorja tas-sentenza tal-ewwel istanza igib fix-xejn l-element tal-pregudizzju irriversibbli li r-rikorrenti irid jipprova biex tintlaqa' t-talba tieghu. Darba li mhix essenzjali li l-apparat jibqa' fejn hu, ir-rikorrenti mhux ser isofri xi pregudizzju irrimedjabbli f'dan l-istadju. Anzi t-talba tieghu fil-kontrotalba tirrigwarda biss il-hlas tal-bilanc dovut lilu u xejn aktar. Invece z-zamma tas-socjeta intimata milli tizviluppa l-proprjeta tista' twassal ghal pregudizzju dannuz ingenti specjalment meta jidher mill-atti li ebda pregudizzju ma hu ser jigi rikat lir-rikorrenti kif gia inghad.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti fil-waqt li tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-4 ta' Novembru 2014, tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti, bl-ispejjez.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------